# DUN ĠORĠ PRECA

**Charles Portelli**



Dun Ġorġ Preca twieled il-Belt Valletta fit-12 ta' Frar 1880 fid-dar numru 53, Triq il-Punent il-Belt Valletta fil-Parroċċa ta' San Duminku. Kien is-seba' wild fost disa' aħwa – erba' subien u ħames bniet. Tgħammed fis-17 ta' Frar minn Patri Vinċenz Cousin Dumnikan fil-Knisja ta' Porto Salvu.

Ta' 5 snin Ġorġ kien se jegħreq fil-Port il-kbir imma salvah barklor. Meta kellu 6 snin marru joqogħdu B'Kara u ftit wara l-Ħamrun. Irċieva l-Griżma tal-Isqof fit-2 t'Awwissu 1888 minn idejn l-Isqof Anton Maria Buhagiar, fil-Knisja ta' San Gejtanu l-Ħamrun.

Ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja tal-Ħamrun. Ta' 12 –il sena ta l-eżami għal-Liċeo u għadda mat-tieni darba, f'Settembru 1892.

Għall-ħabta tal-1897, meta kellu madwar 17-il sena, iltaqa' ma' wieħed mill-għalliema tiegħu tal-Liċeo Dun Ercole Mompalao, ħdejn il-Mall tal-Furjana. Dun Ercole għamillu din il-profezija: "Preca, int għad tikber u nies li jirrispettaw 'l Alla jidħlu fil-familjarità miegħek u inti magħhom. Int għad issib xortik permezz tagħhom u huma għad isibu xortihom permezz tiegħek.



Dun Ġorġ ġie ordnat saċerdot flimkien ma' 13-il saċerdot ieħor fit-22 ta' Diċembru 1906 mill-Isqof Pietru Pace.

## IL-FONDAZZJONI TAL-MUSEUM

Darba minnhom, Dun Ġorġ Preca kien għaddej fil-knisja ta' San Gejtanu u sema' lis-sagristan jgħallem id-duttrina lit-tfal. Tifel staqsa lis-sagristan: "Lil Alla min ħalqu?" U dak wieġbu: "Alla sar waħdu", meta kellu jwieġbu Alla kien minn dejjem." Dun Ġorġ intebaħ li hemm bżonn li jsir xi ħaġa sabiex lin-nies jingħatalhom tagħlim nisrani kif xieraq.

Għall-ħabta tal-aħħar ta' Jannar 1907 Dun Ġorġ sejjaħ mill-ġdid lill-grupp taż-żgħażagħ u nhar it-2 ta' Frar iltaqgħu fil-Knisja ta' Nuzzo, il-Ħamrun għal-lezzjoni tiegħu. Nhar is-7 ta' Marzu ltaqgħu għall-ewwel darba f'post ċkejken li kienu krew f'nru 6, Triq Fra Diegu, il-Ħamrun. Dawn iż-żewġ dati jimmarkaw it-twaqqif tas-Societas Doctrinae Christianae (Soċjetà tad-Duttrina Nisranija): grupp ta' żgħażagħ lajċi ffurmati fil-ħajja tar-ruħ u fil-prinċipji tar-reliġjon kattolika, mibgħuta biex jgħallmu l-poplu. Għall-bidu, Dun Ġorġ sejjaħ l-għaqda tiegħu Societas Papiduum et Papidissarum jew "Xirka ta' Ulied il-Papa" għaliex ried jisħaq fuq il-lealtà lejn il-Papa. Intant, soċju, Salvu Muscat issuġġerixxa l-isem "Mużew" u biż-żmien dan l-isem qabad u baqa' l-istess. Dun Ġorġ fassal akronimu mill-kelma "MUSEUM" bil-Latin. "Magister utinam sequatur Evangelium universus mundus!" (Mgħallem, li kien id-dinja kollha timxi fuq l-Evanġelu!!!)

## IS-SEZZJONI FEMMINILI TAS-SOĊJETÀ TAL-MUSEUM

Il-fergħa tan-nisa bdiet ir-Raħal Ġdid fl-1910 bl-għajnuna ta' Ġannina Cutajar li wara saret l-ewwel Superjura Ġenerali. Dak iż-żmien Dun Ġorġ kien idur l-oqsma tal-Museum tas-Subien u meta kien ikun Raħal Ġdid kien jgħaddi għand il-familja Cutajar, Ta' spiss kien jitkellem magħhom fuq il-ħolma tiegħu li jwaqqaf Sezzjoni tal-Museum għall-bniet. It-tfajla Ġannina kienet toqgħod tisma'. Dun Ġorġ, l-ewwel ma kellem lil ħuha Karmenu li kien soċju tal-Museum u wara kellem lilha. Wara li fehemha xi xtaq mingħandha, hi ntlaqtet mill-ħolma tiegħu u aċċettat. Nhar l-10 ta' Jannar 1910 infetħet l-ewwel dar tal-MUSEUM għall-bniet f'Raħal Ġdid, Ġannina li kellha madwar 15 –il sena, ġabret magħha tnax –il tfajla oħra u flimkien setgħu jgħallmu f'dan l-ewwel Qasam. Kienu jiltaqgħu f'maħżen li tahulhom missier Ġannina. Iżjed tard, meta bdew jinfetħu iżjed Oqsma, Dun Ġorġ għażilha bħalha l-ewwel Superjura Ġenerali.

## F'GHAWDEX

Is-Sezzjoni Femminili bdiet f'Għawdex qabel dik Maskili. Fil-fatt bdiet fin-Nadur nhar is-16 ta' Settembru 1915, bis-Superjura Rakela Camilleri li Dun Ġorġ kien

isejħilha Superjura Djoċesana f'Għawdex. Fl-Arkivji tas-Soċjetà tal-MUSEUM jeżistu ħafna ittri li Dun Ġorġ kien jibgħat lis-Superjura Rakela Camilleri biex jagħtiha pariri dwar id-diffikultajiet li kien ikollha. Dawn huma xi wħud mill-isbaħ ittri ta' Dun Ġorġ. Is-sezzjoni Maskili damet biex bdiet f'Għawdex sas-sena 1941 meta Emanuel Bianco, soċju minn Malta, intbagħat jaħdem Għawdex u kien hu li beda l-ewwel qasam fir-Rabat. Aktar tard ingħaqad miegħu ukoll Willie Buhagiar, soċju ieħor minn Malta.

## VERBUM DEI U DEVOZZJONIJIET OĦRA

Dun Ġorġ stinka ħafna biex tixtered id-devozzjoni lejn il-misteru tal-inkarnazzjoni. Sa mill-1917 beda jqanqal il-qima lejn il-kliem mill-Evanġelju ta' San Ġwann, "Verbum Dei caro factum est". Ried li s-soċji jilbsu badge b'dan il-kliem.

Mill-1920 ħa ħsieb li f'kull raħal u belt, lejlet il-Milied, tiġi organizzata "Dimostrazzjoni ad unur ta' Ġesu' Bambin", użanza li daħlet sew fost id-drawwiet sbieħ tal-Milied Malti. Ix-xewqa tiegħu kienet li għall-Milied kull tifel u tifla li kienu jattendu l-MUSEUM jieħdu magħhom id-dar, grotta b'Ġesu' Tarbija.

## ID-DIMOSTRAZZJONI TAL-BAMBIN

Fl-1920, Dun Ġorġ kien ġabar lis-soċji tal-MUSEUM tal-Ħamrun biex jaqsam magħhom xewqa li kellu: li ssir dimostrazzjoni bil-Bambin tal-Milied fejn it-tfal u s-soċji f'lejlet il-Milied joħorġu mat-toroq tal-Ħamrun jgħajtu l-aħbar li Ġesù Bambin twieled għalina. Ix-xewqa tiegħu kienet li dawn joħorġu bħal f'purċissjoni bix-xemgħa f'idejn it-tfal u l-weraq tal-palm u ż-żebbuġ, iduru mat-toroq kollha tal-Ħamrun u jkantaw innijiet tal-Milied. Riedhom ukoll li jgħidu lil xi rġiel biex jiġu jimxu magħhom. Kellhom bżonn Bambin u dan isselfuh mill-Belt, mill-Knisja tal-Franġiskani. Minn dakinhar, il-purċissjoni bil-Bambin kibret u xterrdet ma' Malta u Għawdex u fl-artijiet l-oħra fejn hemm il-MUSEUM.

## IL-MEWT TA' DUN ĠORĠ

Dun Ġorġ miet fis-26 ta' Lulju 1962 f'Santa Venera, fejn qatta l-aħħar xhur ta' ħajtu u kien assistit mill-Kappillan ta' Santa Venera Patri Kilian Azzopardi, Karmelitan. Il-funeral tiegħu sar jumejn wara. Kien wieħed mill-akbar funerali li qatt saru f'Malta. Il-quddiesa kienet iċċelebrata mill-Isqof Emmanuel Galea fil-Knisja ta' San Gejtanu. Il-ġisem ta' Dun Ġorġ indifen ħdejn id-Dar Ġenerali tas-Soċjetà, il-Blata l-Bajda. Nhar is-7 ta' Lulju 2000, il-ġisem tiegħu nstab kważi intatt 38 sena wara mewtu. Illum il-ġisem tiegħu jinsab fil-kappella tal-Madonna Mirakoluża taħt statwa tax-xxemgħa li tirraffigurah.

## BEATIFIKAZZJONI U KANONIZZAZZJONI

Fl-1963 kienet saret talba kemm mis-soċjetà tal-MUSEUM kif ukoll mis-saċerdoti tal-Christus Rex biex tinfetaħ kawża tal-Beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca. Din inbdiet fit-13 ta' Marzu 1975 meta l-Papa Pawlu VI ffirma d-dokument li bih awtorizza lill-Arċisqof ta' Malta joħroġ id-digriet għall-ftuħ tal-kawża u s-setgħa li jwaqqaf tribunal biex jibda l-proċess. It-Tribunal infetaħ sena wara taħt il-Presidenza ta' Mons. Ġużeppi Mercieca, dak iż-żmien Vigarju Ġenerali u ngħalaq f'Ġunju 1988 meta l-atti kollha tal-proċess intbagħtu Ruma lill-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisiin. Il-miraklu approvat għall-beatifikazzjoni kien sar f'Raħal Ġdid nhar it-3 ta' Frar 1964 meta Charles Zammit Endrich fieq f'daqqa minn distakk tar-retina wara li qiegħed taħt rasu relikwa ta' Dun Ġorġ. Dun Ġorġ ġie ibbeatifikat fid-9 ta' Mejju 2001 flimkien mal-Beati Nazju Falzon u Marija Adeodata Pisani, mill-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Quddiesa tal-Beatifikazzjoni fuq il-Fosos tal-Furjana. Dakinhar stess filgħaxija l-Papa żar il-Kappella tal-Midalja Mirakoluża fil-Blata l-Bajda u talab quddiem il-Korp sant ta' Dun Ġorġ. Wara ndirizza lis-soċji tal-MUSEUM fl-Awditorju tad-Dar Ġenerali.

## IL-KANONIZZAZZJONI

Il-Kanonizzazzjoni ġiet iċċelebrata f'San Pietru fil-Vatikan nhar il-Ħadd 3 ta' Ġunju 2007. Attendew mal-ħamest elef Malti għal din iċ-ċelebrazzjoni fejn, taħt xita ma taqta' xejn, raw lil Dun Ġorġ jiġi ddikjarat qaddis.

## BOLOL U MIDALJI

Nhar it-12 t'April 1980 il-Posta ta' Malta ħarġet l-ewwel bolla li tirrafigura lil Dun Ġorġ, fis-sena taċ-Ċentinarju minn twelidu. Din il-bolla ta' 2c5 kienet disinn ta' Raymond Pitre'.

Biex l-avveniment tal-Kanonizazzjoni ta' Dun Ġorġ jibqa' mfakkar kif jixraq, fl-2007, is-Soċjetà tal-MUSEUM ipproduċiet elfejn midalja tal-fidda. Fuq il-faċċata tagħhom hemm ix-xbieha ta' Dun Ġorġ filwaqt li fuq wara tidher l-emblema tas-Soċjetà bil-kelmiet Verbum Dei Caro Factum Est.

